MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Numru. 837/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Awet Estifano Weldetinsae**

**Abdurai Imam Esmael Ibrahim**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 9 ta' Settembru, 2014 fil-konfront ta` Awet Estifano Weldetinsae, ta' 24 sena, iben Stefanos u Asmara, imwieled Segeniti, nhar l-1 ta' Jannar, 1991 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0116951(A);

U lill-

Abdurai Imam Esmael Ibrahim, ta' 28 sena, iben Ismail u Guma, imwieled Egila, nhar l-1 ta' Jannar, 1986 u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0114458 (A).

L-imputati akkuzati illi:

1. Talli fit-3 ta' Settembru, 2014 ghal habta ta' 23:00 hrs gewwa Triq tal-Barrani, Zejtun, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta oħra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 1444 Kenneth Brignano u PC 211 Michael Vella, filwaqt li kienu qed jagixxu għal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mogħtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
2. Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, ikkagunaw grieħi ta' natura ]afifa fuq PS 1444 Kenneth Brignano u dan skond kif iccertifikat minn Dr. Yanika Gatt MD Reg 5436 minn Paola Health Centre;
3. Talli fl-istess data, lok, ħin, u cirkostanzi ingurjaw, gheddu u g]amlu offiza fuq il-persuni ta' PS 1444 Kenneth Brignano u PC 211 Michael Vella, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbezzagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom, kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, bi kliem insulentaw, heddu jew ingurjaw lil Mario Pace u/jew persuni oħra;
5. Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkustanzi bl-imgieba tagħkom ikkagunaw lil Mario Pace u/jew persuni oħra, biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra il-proprjeta' tagħhom;
6. Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi naqsu milli jobdu l-ordnijiet legittimi mog]tija lilhom mill-Pulizija;
7. Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u glied;

U jakkuza lil Awet Estifano Weldetinsae waħdu talli:

8. Talli fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għal pubbliku, kien f'sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu nnifsu.

Ghaldaqstant filwaqt li giet esebita l-fedina penali ta' Abdurai Imam Esmael Ibrahim u Awet Estifano Weldetinsae l-Ufficjal Prosekutur talab sabiex dan il-kaz jigi investigat skont il-ligi.

Rat li matul il-kors tal-ezami taghhom skont l-Artikolu 392 u 370(4) tal-Kodici Kriminali l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura

sommarja u wiegbu li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u l-Qorti hadet nota ta' dan bil-miktub;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali a fol 12 li permezz tieghu iddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti hadet nota ta' dan bil-miktub;

Rat li matul is-seduta tas-26 ta' Settembru 2014 l-imputati stqarrew li huma hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni wissiet bl-aktar mod solenni lil imputati bil-konsegwenzi li jitnisslu minn tali dikjarazzjoni ta' htija u taghthom zmien qasir sabiex fih jekk iridu jkunu jistghu jirtiraw l-ammissjoni registrata minnhom. Fil-prezenza tal-Avukat Difensur u tal-interpretu mahtur, wara li nghataw zmien qasir kif hawn fuq jinghad l-imputati tennew l-ammissjoni inkondizzjonata taghhom.

Fid-dawl ta' tali stqarrija t'ammissjoni inkondizzjonata mtennija, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr hlief li ssibhom hatja tal-imputazzjoni migjuba kontrihom.

Saret it-trattazzjoni dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghalkemm l-imputati kienu ttantaw li jibdew jagixxu u fil-fatt kienu bdew jagixxu, mal-ewwel twissija tal-persuna li ghaliha kienu habtu, ma baqghux jissuktaw fl-ezekuzzjoni tad-delitt. Ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur qieghed jiddikjara u jikkoncedi li f'dan il-kaz japplika l-Artikolu 99 tal-Kodici Kriminali.

Illi inoltre l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li wara li kien sar ukoll ftehim ta’ qabel is-sentenza mad-Difensur tal-Imputati, fic-cirkostanzi partikolari ta’ dal-kaz, il-Qorti setghet tikkonsidra li tinghata piena karcerarja fil-forma sospiza taghha flimkien ma' multa.

Illi mill-banda l-ohra l-Avukat Difensur tenna li fid-dawl tal-fatt li :-

1. f'dan il-kaz l-assistiti tieghu rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri anke jekk mhux mal-prezentata;

2. il-fedina penali taghhom hija wahda netta;

3. l-offiza sofferta minn Kenneth Brigniano kif jidher mid-dokument a fol 13 kienet ta' natura hafifa u ta' importanza zghira u ghalhekk il-piena applikabbli kellha tkun dik kontravenzjonali skont l-Artikolu 211(3) tal-Kodici Kriminali izda mizjuda b'zewg gradi skont l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali,

id-difiza qablet mal-Ufficjal Prosekutur li f'dan il-kaz ghalkemm hemm l-estremi ta' piena ta' prigunerija, din il-Qorti setghet tikkonsidra li din ghandha tkun erogata fil-forma sospiza taghha, flimkien ma' multa.

Inoltre l-Qorti rat li l-imputati pubblikament u fil-Qorti bil-miftuh skuzaw ruhhom mal-Ufficjali tal-Pulizija ghall-agir taghhom u qieghdin jintrabtu li ma jergghux jaghmlu atti simili.

***<u>Ghaldaqstant : -</u>***

il-Qorti, fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata maghmula mill-imputati, wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96(a), 221(1)(3)(a), 251B(1), 338(dd)(ee)(ff) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali qieghda ssib lil:-

(a) Awet Estifanos Weldetinsae, fuq l-ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, izda tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-karattru tal-hati kif ukoll tan-natura tal-offiza kagunata wara li rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u l-Artikolu 99 tal-Kodici Kriminali qeghda tiddikjara lill-imputat

Awet Estifanos Weldetinsae ezenti mill-piena fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni minnu ammessa, u fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjoni ammessi minnu qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija; u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li din il-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tigi fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u wara li l-Qorti kompetenti tkun ordnat bis-sahha tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali li s-sentenza originali ghandha tibda' ssehh. Minbarra din il-piena karcerarja, l-istess imputat qieghed jigi kundannat ukoll ghal multa ta' tminn mija u hamsin euro (€850)

(b) Abdurai Imam Esmael Ibrahim, fuq l-ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu minn numru wiehed san-numru sebgha, izda tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tal-karattru tal-hati kif ukoll tan-natura tal-offiza kagunata minnu wara li rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u l-Artikolu 99 tal-Kodici Kriminali qeghda tiddikjara lill-imputat Abdurai Imam Esmael Ibrahim ezenti mill-piena fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni minnu ammessa, u fir-rigward tal-kumplament tal-imputazzjoni ammessi minnu qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija; u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li din il-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tigi fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u wara li l-Qorti kompetenti tkun ordnat bis-sahha tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali li s-sentenza originali ghandha tibda' ssehh. Minbarra din il-piena karcerarja, l-istess imputat qieghed jigi kundannat ukoll ghal multa ta' tminn mitt euro (€800).

Il-Qorti spjegat lil hatja bi kliem car u li jinftihem dwar ir-responsabbilita' taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk jikkommettu reat matul il-perjodu operativ li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------